IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 46

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 10 ta' Marzu 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**46.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

46.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 B'referenza għal punt 45.3.7, is-Sindku qal li tkellem mas-Sinjura Catherine Fenech u talbitu sabiex iqajjem il-punt dwar il-kera taż-żona tal-Glażiż wara li tgħaddi l-Elezzjoni Ġenerali 2022.

46.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 45 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**46.3 Korrispondenza**

46.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara, is-Sur Karl-Joseph Micallef sabiex jingħata permess għal ħruq tal-logħob tan-nar minn Triq il-Piccolo Soccorso (it-Toqba tal-Birgu) fil-Festa ta' San Ġużepp. Din it-talba ġiet rifjutata unanimament mill-kunsilliera kollha minħabba l-proġett li għaddej fiż-żona.

46.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Charles Callus sabiex jarma l-presepju li qed jibni hu stess fl-intrata tal-Berġa ta' Franza fil-Milied li ġej. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

46.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr. John Seychell Navarro, propjetarju ta' żewġ garaxxijiet fi Triq San Lawrenz kantuniera ma' Triq Nestu Laiviera. Permezz tal-perit tiegħu, qed jitlob li l-bankina ta' quddiem dawn iż-żewġ garaxxijiet tinħareġ 'il barra, spejjeż għalih, sabiex ma jkunx hemm periklu li karozzi neżlin minn Triq Nestu Laiviera, iduru fuq il-karozzi ħerġin jew deħlin mill-garaxx. Din it-talba ġiet approvata unanimament mill-kunsilliera preżenti.

46.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Agius b'lista ta' ismijiet possibli għal toroq fil-Birgu li jeħtiġilhom isem ġdid.

46.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt ta' proġett ġdid ieħor li l-Kunsill Lokali tal-Birgu se jkun imsieħeb fih. Il-proġett bit-titlu GREENUP, huwa finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

46.3.6 Preżentat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon dwar proposta biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jidħol partner f'proġett ieħor tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-muniċipalità ta' Duzee fit-Turkija u Cojep fi Franza. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa mas-Sur Causon rigward dawn il-proġetti.

46.3.7 Preżentat korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Borg D'Anastasi mill-kumpanija App-Raiser Digital li ħadet ħsieb li toħloq l-app tal-Birgu u li issa qed tiffunzjona.

46.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Simon Farrugia, Segretarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz fejn qed jinforma lill-kunsill li l-kumitat qed jgħaddi ċekk ta' ħamsa u għoxrin Ewro (€25) b'risq il-monument ta' Gorg Agius. Barra minn hekk, is-Sur Farrugia jikteb li l-kumitat juri x-xewqa li fl-inawgurazzjoni tal-monument, il-banda tagħti s-sehem tagħha bandistikament.

46.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Agatino Celisi dwar ir-raba' konferenza tal-proġett ActiveEu li se ssir l-Unġerija. Is-Sindku qal li għal din il-konferenza se jattendi huwa u jekk kulħadd jaqbel, titla' miegħu Martha Agius. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

46.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Daniel Portelli mill-kumpanija Silvar Constructions rigward il-kwotazzjoni tal-bini tal-kurduna mkissra fi Triq il-Ħabs l-Antik fejn fuq din il-kurduna, jrid jitwaħħal ir-railing il-ġdid. Mehmuża ma' din il-korrispondenza kien hemm ukoll il-kwotazzjoni tax-xogħol meħtieġ. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li dan ix-xogħol meħtieġ, isir.

46.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Claire Gafà mill-Cottonera Comunity Service fi ħdan l-FSWS fejn qed titlob għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jitħallas it-trasport għall-ħarġiet li jiġu organizzati għall-persuni li jattendu dan iċ-ċentru fejn uħud minnhom huma wkoll mill-Birgu fosthom nisa ta' sittin sena 'l fuq u adoloxxenti ta' tnax-il sena. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

46.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Tudor Micu, General Manager ta' The Notebook Centre sabiex jiġi ffirmat il-ftehim għat-tieni sena konsekuttiva fejn residenti mill-Birgu jistgħu jmorru jużaw is-servizzi ta' din il-kumpanija mingħajr ebda ħlas. Il-kunsill huwa mitlub iħallas elfejn, disa' mija u ħamsin Ewro sabiex ikun kopert dan is-servizz li diġà kien qed jingħata fis-sena li għaddiet. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

46.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Agatino Celisi dwar proġett ieħor tal-Erasmus li se jsir f'Roccalumera fl-Italja, liem proġett il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab imsieħeb fih. Is-Sindku talab lill-kunsillier, is-Sur Trevor Mizzi sabiex jattendi flimkien ma' erba' żgħażagħ mill-Birgu. Is-Sindku qal li se joħroġ sejħa biex min jixtieq jattendi, jiġi jinkiteb u l-ismijiet jintgħażlu bil-polza u b'hekk ħadd ma jkun jista' jgħid li qed jintgħażlu l-istess żgħażagħ. Il-kunsilliera qablu unanimament.

46.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Mario Cutajar, Kap taċ-Ċivil, dwar it-trattament li ħa s-Sindku s-Sur John Boxall mill-Ministru Josè Herrera waqt laqgħa li ż-żewġ partijiet kellhom flimkien. Is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu għall-atteġjament tal-Ministru meta s-Sindku talbu fondi sabiex ikompli r-restawr tal-Berġa ta' Franza.

46.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar taħriġ għas-Sindki, Viċi-Sindki u kunsilliera li se jkun mogħti mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tan-Norveġja dwar diversi temi fosthom il-governanza tajba. Is-Sindku qal li jekk xi ħadd mill-kunsilliera jixtieq jattendi, jinfurmah għaliex huwa kien ser jattendi żgur għal dan it-taħriġ.

46.3.16 Preżentati ż-żewġ applikazzjonijiet sottomessi mill-Kunsill Lokali tal-Birgu għal żewġ proġetti ambjentali 2022 taħt l-iskema li ħarġet Ambjent Malta. Dawn iż-żewġ applikazzjonijiet kienu approvati mill-kunsilliera preżenti fis-seduta numru 45 li saret it-Tlieta 15 ta' Frar 2022.

**46.4 Tagħrif dwar il-Proġett tal-Bandli**

46.4.1 Is-Sindku qal li l-imprint concrete kien lest, ix-xogħol fuq il-ħajt ta' barra kien għaddej u wasal biex jitlesta filwaqt li l-apparat tal-bandli beda jinġieb fil-post sabiex jibda jitwaħħal. Is-Sindku qal li wara l-grada prinċipali, se ssir grada baxxa fid-daħla sabiex jiġi evitat kull periklu li t-tfal joħorġu barra mill-bandli.

46.4.2 Sadanittant, is-Sindku qal li l-Public Works qed jaħdmu gradi tal-ħadid għall-art li jiġu fuq il-ħamrija madwar il-konok tas-siġar ukoll.

46.4.3 Il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel qal biex jekk hu possibli, isir foam mal-arbli tal-ħadid tad-dawl sabiex ikunu ta' protezzjoni għat-tfal li jiġru madwar il-bandli. Il-kunsilliera qablu unanimament.

46.4.4 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinġieb stima għall-installazzjoni tal-kameras għall-bandli.

**46.5 Tagħrif dwar il-proġett tat-Torri tal-Arloġġ fil-Pjazza**

46.5.1 is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Disma Attard flimkien mal-Perit tiegħu fejn infurmah li xtara l-binja tal-ex-Azzjoni Kattolika tal-irġiel fil-Pjazza tal-Birgu u li flokha se jibni t-Torri tal-Arloġġ li qabel kien fil-Pjazza filwaqt li mal-vojt li jkun hemm madwar it-torri, se tinbena Boutique Hotel.

46.5.2 Is-Sindku qal li aktar 'l quddiem, jiġi diskuss l-operat ta' dan it-Torri tal-Arloġġ speċjalment fejn se jidħol il-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan il-proġett.

**46.6 Tender għall-knis tat-toroq tal-Birgu**

46.6.1 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-kennies m'għandux biex jaħdem u għaldaqstant il-ħaddiema li qed jibgħat fil-Birgu huma nofs kedda u mhux tajbin. Minħabba f'hekk qed jidħlu ħafna rapporti ta' toroq maħmuġin. Is-Sindku qal li kellem kemm-il darba lill-kuntrattur sabiex titranġa s-sitwazzjoni iżda is-sitwazzjoni qatt ma marret għall-aħjar.

46.6.2 Għaldaqstant is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti sabiex jinħareġ tender ġdid għall-knis tat-toroq tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**46.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

46.7.1 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li nhar is-17 ta' Marzu 2022, fis-1:30pm, se jinstema l-appell dwar l-applikazzjoni għall-bini ta' aktar sulari tal-binja li tinsab quddiem il-belvedere tas-Simenta fi Triq La Vallette. Is-Sur Gellel qal li jkun tajjeb li l-Kunsill Lokali jressaq għal darb'oħra d-diżapprovazzjoni għal dan il-proġett.

Din it-talba ġiet sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Christopher Cassar u approvata mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti.

46.7.2 Is-Sindku qal li s-Sur John Galea, resident fi Triq it-Torri ta’ San Ġwann, talab l-għajnuna tal-kunsill għax meta sar ix-xogħol tal-pavimentar, saru ħsarat estensivi fil-kanen tad-drenaġġ tas-Sur Galea. Is-Sindku qal li l-ispiża ma jistax jeħodha waħdu s-Sur Galea u għalhekk talab l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex tingħata l-għajnuna meħtieġa. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

46.7.3 Il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li l-parti ta’ taħt il-bankina quddiem il-garaxx tas-Sur Oscar Adami fi Triq Desain, tinsab imħarbta totalment minħabba xogħol ħażin li sar fit-tqegħid tal-blokok żgħar wara li saru xi xogħlijiet u għaldaqstant hemm bżonn li jitranġaw għax huma perikolużi. Is-Sindku ħa nota sabiex dan ix-xogħol isir.

46.7.4 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li s-Sur Frank Camilleri u s-Sur Mark Camilleri, li se jkunu qed jirrestawraw il-binja tal-Palazz tal-Isqof, offrew li jħallsu l-ispejjeż għal-Arloġġ tal-Lira għall-Berġa ta’ Franza.

46.7.5 Is-Sindku ressaq tliet stimi għal 33 bozza tat-toroq LEDs sabiex jinbidlu għaż-żona ta’ Fuq tal-Ħawli. Is-Sindku qal li din l-ispiża tista’ tiġi koperta mill-fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar li jinġabru mill-permessi għall-iżvilupp u b’hekk il-Ħawli jkun nofsu kollu LEDs u jitneħħew il-bozoz l-antiki li jaħlu aktar minn dawn il-ġodda. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

46.7.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta’ Frar 2022. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament.

**46.8 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

46.8.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 38** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6259** sa **BOV 6274** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta’ ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b’mod unanimu l-iskeda preżentata.

**46.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 18 ta` April 2022 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: **18 ta' April 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |